# TIEĦUX ĦSIEB

Lil "Dun Karm" li kitibli : ".... U ibqa' ikteb versi, għax dawn huma żerriegħa ta' hena għal min jiktibhom minn qalbu".

Nibqa' nikteb, nibqa' nikteb,
nibqa' nikteb, sa ma mmut :
għax min twieled biex jgħanni,
jekk ma jgħanni jkun misħut.

Nibqa' ngħanni, nibqa' ngħanni,
għax fil-għana l-ħajja nsib;
meta fija l-għana jinxef,
jimla l-baħar tat-tiġrib.

Nibqa' nikteb, nibqa' ngħanni :
għax il-versi l-aqwa ħbieb.
Dun Karm tiegħi, nibqa' nikteb,
nibqa' ngħanni : tieħux ħsieb.

Karmenu Vassallo.

24/v/36.